# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2025.**

**Numru: 11**

**Rikors numru: 202/2022/1 FDP**

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi bħala mandatarju u in rappreżentanza ta' Sureka Dullay residenti fid-Danimarka**

**v.**

**MAPFRE Middlesea p.l.c.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-Avukat Tonio Azzopardi f'isem Sureka Dullay u dwar appell inċidentali ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Settembru, 2024, li biha filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet miżjuda ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. dwar in-nullità tar-rikors maħluf, issoktat billi

laqgħet it-tieni eċċezzjoni tagħha illi l-azzjoni attriċi ma tistax tiġi mistħarrġa minħabba li din tinsab preskritta skont l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-10 ta' Marzu, 2022, l-Avukat Tonio Azzopardi fisser li fl-20 ta' Ottubru, 2014, il-mandanti tiegħu Sureka Dullay kienet riekba bħala passiġġiera fuq mutur, li kien qiegħed jinsaq minn Jyrki Juhami Sinisalo, u ġarrbet ġrieħi gravi u permanenti b'riżultat ta' inċident tat-traffiku serju li seħħ fi Triq l-Assedju l-Kbir, fil-Belt Valletta.

3. Iżid li fit-18 ta' April, 2018 hija kienet bagħtet ittra uffiċjali lill-kumpanija konvenuta MAPFRE Middlesea p.l.c. sabiex din tħallasha għad-danni li ġarrbet bħala konsegwenza tal-inċident u jkompli jgħid li MAPFRE Middlesea p.l.c. kienet weġbitha lura fis-26 ta' April, 2018 fejn din aċċettat li terfa' r-responsabbiltà. B'hekk skont l-Avukat Azzopardi *nomine* nħolqot rabta kuntrattwali bejn Sureka Dullay u MAPFRE Middlesea p.l.c. skont kif stabbilit fil-ġurisprudenza msemmija minnu.

4. Ġara però skont l-Avukat Azzopardi *nomine*, li wara li b'ittra elettronika tas-26 ta' Jannar, 2022 MAPFRE Middlesea p.l.c kienet reġgħet aċċettat li terfa' r-responsabbiltà, b'danakollu din f'daqqa waħda

biddlet fehmitha għaliex b'ittra tal-25 ta' Frar, 2022 hija wieġbet għall-ittra uffiċjali tiegħu tat-18 ta' Frar, 2022, li hija kienet qiegħda tqis il-pretensjoni ta' Sureka Dullay bħala preskritta skont l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**.

5. L-Avukat Azzopardi *nomine* jisħaq li l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** ma jgħoddx fejn l-obbligazzjoni għall-ħlas titnissel minn rabta kuntrattwali u billi l-kumpanija konvenuta baqgħet ma ħallsitx, huwa kellu jiftaħ din il-kawża fejn talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi s-soċjetà intimata aċċettat ir-responsabbiltà fir-rigward tal-inċident fis-26 ta' April 2018, u konsegwentement assumiet liberament l-obbligazzjoni li tħallas l-indennizz dovut lill-vittma tal-inċident tat-traffiku Sureka Dullay;*
>
> *(2) Tiddikjara wkoll illi fis-26 ta' Awwissu 2019 is-soċjetà intimata kkonfermat li kienet qed tistenna d-dokumentazzjoni rigward din il-claim, u b'hekk, in effett, reġgħet ikkonfermat li kienet qed taċċetta r-responsabbiltà;*
>
> *(3) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-imsemmi rifjut abbużiv tas-soċjetà intimata, billi tipprova tistrieħ fuq l-artikolu 2153 tal-Kap 16 li mhuwiex applikabbli għal relazzjoni kuntrattwali, sabiex tirrifjuta li jiġu likwidati u mħallsa d-danni li ġarrbet Sureka Dullay, mhux ġustifikat skont il-liġi;*
>
> *(4) Tiddikjara u tiddeċiedi għalhekk illi l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 mhux applikabbli għall-każ iżda li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli għaċ-ċirkostanzi preżenti huwa dak ta' ħames (5) snin, u dan skont ġurisprudenza kostanti kif hawn fuq indikata;*
>
> *(5) Tillikwida għalhekk id-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attriċi Sureka Dullay, kompriżi damnum emergens u lucrum cessans, inklużi d-danni ammessi mil-Liġi fir-rigward tal-għajnuna ta' Carer, kif ukoll id-danni għal ħsara psikoloġika permanenti.*
>
> *(6) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lill-attriċi Sureka Dullay id-danni hekk likwidati, kif tinsab obbligata li tagħmel skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra tal-14 ta' Novembru 2017 u tal-ittra uffiċjali numru 1313/2018 tat-18 ta' April 2018 u tal-ittra ufficċjali numru 674/2022 tat-18 ta' Frar 2022.*

*Bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-pagament effettiv.»*

6. MAPFRE Middlesea p.l.c. daħħlet risposta maħlufa fit-12 ta' Mejju, 2022 u qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, illi l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi għandu jressaq prova tal-mandat lilu mogħti mingħand Sureka Dullay sabiex jintavola l-proċeduri odjerni kif ukoll l-ittra uffiċjali nnumerata 674/2022 tat-18 ta' Frar 2022;*

*2. Fit-tieni lok u preliminarjament, illi it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-**Artikolu 2153** u kif ukoll tal-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** moqrija flimkien mal-artikoli relevanti tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu tal-Liġijiet ta Malta; Illi kif ser jiġi ppruvat u elaborat fil-mori tal-proċediment fl-ebda ħin ma tnissel patt kuntrattwali bejn l-eċċipjenti u Sureka Dullay bħalma hija tallega. Ma ntlaħaq ebda ftehim espliċitu, ċar u univoku u magħmul fil-forma li trid l-liġi, kif tirrikjedi konstantament il-ġurisprudenza nostrana sabiex ir-relazzjoni bejn il-partijiet tkun konvertita minn waħda derivanti minn delitt għal waħda derivanti minn kuntratt;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent nomine għandu jressaq l-aqwa prova tad-danni realment subiti minn Sureka Dullay kawża ta' dan l-inċident, in linea mal-prinċipju tar-restituzzjoni in integrum, mingħajr ebda żidiet u esaġerazzjonijiet, bħalma hija esaġerata t-talba għall-ħlas ta' carer in vista li l-esponenti taf li mhuwiex veritier li l-istess Dullay ma tistax tagħmel atti tal-ħajja ta' kuljum kemm-il darba ma jkollhiex għajnuna;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi;*

*5. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.»*

7. Aktar tard, b'digriet mogħti fid-9 ta' Jannar, 2023, l-Ewwel Qorti awtorizzat lil MAPFRE Middlesea p.l.c. sabiex titħalla tressaq eċċezzjonijiet ġodda. Dawn l-eċċezzjonijiet tressqu f'risposta maħlufa tas-26 ta' Jannar, 2023, li jaqraw hekk:

*«1. Ir-rikors promotur intavolat minn Dr. Tonio Azzopardi huwa null u mingħajr effett u dana in vista illi huwa ma kienx debitament awtorizzat illi*

*jintavola l-istess rikors promotur u wisq inqas ma kien awtorizzat jaħlef il-kontenut tiegħu; Illi ladarba r-rikors ma kienx debitament maħluf, kwindi ma jistax jitqies bħala "rikors ġuramentat" kif rikjest mill-**Artikolu 161 (1) tal-Kapitolu 12** u kwindi huwa null ai termini inter alia tal-**Artikolu 164 tal-istess Kapitolu 12** illi jistipula:*

> *«164.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi missha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor;»*

*2. Illi ladarba Dottor Azzopardi ma kienx debitament awtorizzat jintavola r-rikors promotur, huwa għandu jkun meqjus attur illeġittimu ai termini tal-**Artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi jistipula:*

> *«780. L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għaldaqshekk.»*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi;*

*4. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.»*

8. B'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet li MAPFRE Middlesea p.l.c. ressqet fit-tieni risposta maħlufa tagħha s-26 ta' Jannar, 2023, iżda laqgħet it-tieni eċċezzjoni mressqa fl-ewwel risposta maħlufa tagħha tal-24 ta' Marzu, 2021; u b'hekk issoktat billi ċaħdet it-talbiet attriċi minħabba li sabet li dawn kienu preskritti skont l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili**. Ir-raġunijiet għalfejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet b'dan il-mod ġew imfissra hekk:

*«**Fatti***

*18. Jirriżulta, mill-provi dokumentarji ppreżentati quddiem dina l-Qorti, illi fl-20 ta' Ottubru 2014, seħħ inċident awtomobilistiku meta mutur, misjuq minn ċerta Jyrki Juhani Sinisalo u assikurat mis-soċjetà intimata Middle Sea Insurance, u li fuqu kienet qiegħda bħala passiġġiera Sureka Dullay, ħabat ġo vettura oħra ġewwa l-Belt Valletta, liema Sureka Dullay hija klijenta ta' Dr Tonio Azzopardi illi in rappreżentanza tagħha huwa nieda l-proċeduri odjerni.*

*19. Jirriżulta illi, riżultat tal-inċident, Sureka Dullay, li hija ta' nazzjonalità Daniża, sofriet ġrieħi serji u permanenti, partikolarment f'saqajha x-xellugija, li llimitatilha konsiderevolment il-mobilità tagħha u wasslet sabiex tgħix prinċipalment ġewwa 'wheel chair' filwaqt illi timxi distanza qasira bl-utilizz ta' krozzi.*

*20. Jirriżulta illi l-konsulent ortopediku Mr Thomas Azzopardi, imqabbad minn Suleka Dullay, f'Jannar 2017, kien stabbilixxa illi Suleka Dullay kellha diżabbiltà permanenti ta' 40%. (fol 9 sa 14). Dina ġiet ukoll konfermata mill-Konsulent tal-Kirurġija Plastika Ms Joseph E Briffa b'rapport tas-26 ta' Settembru 2017. (fol 15 sa 20).*

*21. Jirriżulta illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 24 ta' Ottubru 2014, Jyrki Juhani Sinisalo, fuq ammissjoni tiegħu, instab ħati tal-akkużi kollha, fosthom illi kkawża ġrieħi serji u per durata fuq Sureka Sullay.*

*22. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 24 ta' April 2015 mibgħuta lil Jyrki Juhani Sinisalo u lis-soċjetà intimata, Sureka Dullay, tramite l-Avukat tagħha Dr Stefan Balzan, interpellathom sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni. (fol 76)*

*23. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 18 ta' Ottubru 2017 mibgħuta lil Jyrki Juhani Sinisalo u lis-soċjetà intimata, Sureka Dullay, għal darba oħra, tramite l-Avukat tagħha Dr Stefan Balzan, interpellathom sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni. (fol 79)*

*24. Jirriżulta illi, permezz ta' email datata 5 ta' Diċembru 2017, u indirizzata lir-rikorrenti nomine Dr Tonio Azzopardi, Kenneth Camilleri, għan-nom tas-soċjetà intimata, talab informazzjoni dwar danni pretiżi, mingħajr ma assuma responsabbiltà għall-akkadut. (fol 84)*

*25. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 18 ta' April 2018, ir-rikorrent nomine, "bħala mandatarju speċjali ta' Sureka Dullay", interpella lis-soċjetà intimata sabiex tammetti responsabbiltà u fin-nuqqas għarrafha illi ser jipproċedi fil-konfront tagħhom.*

*26. Jirriżulta illi, permezz ta' email datata 26 ta' April 2018, Kenneth Camilleri, għan-nom tas-soċjetà intimata, ikkomunika ma' Dr Tonio Azzopardi fejn għarrfu bis-segwenti: (fol 7)*

> *«With reference to the above mentioned motor vehicle accident and further to the conclusions of the magisterial enquiry and the judgment of the criminal court **<u>we confirm that liability is being accepted</u>** (sottolinjar tal-Qorti) and accordingly we kindly ask you to submit your client detailer and computer claim duly supported by the income tax returns for the years 2011, 2012, 2013 and 2014, medical disability reports and other relevant documentation which supports your client's claim.»*

*27. Jirriżulta illi, permezz ta' email datata 26 ta' Awissu 2019, wara korrispondenza mibgħuta minn Dr Tonio Azzopardi lil Kenneth Camilleri,*

*il-kontenut ta' liema email ma ġiex mgħoddi lil dina l-Qorti, l-istess Kenneth Camillieri jgħid: (fol 8)*

> *«We confirm receipt of your email and await your client's detailed claim and supporting documentation.»*

*28. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 18 ta' Frar 2022, ir-rikorrent nomine, "bħala mandatarju speċjali ta' Sureka Dullay", interpella lis-soċjetà intimata sabiex tiddikjara jekk "se żżomm ferma mal-obbligazzjoni minnha assunta fis-26 ta' April 2018 u ripetuta fis-26 ta' Awissu 2019" u fin-nuqqas għarrafha illi ser jipproċedi fil-konfront tagħhom. (fol 96)*

*29. Jirriżulta illi permezz ta' email datata 16 ta' Frar 2022 (fol 59) mibgħuta lil Dr Tonio Azzopardi u minn Sureka Dullay, ċertu Peter Arnt Nielsen wera l-qbil illi Dr Azzopardi kellu jibda minnufih proċeduri:*

> *«… legal action should be taken immediately on 18 February if MAPFRE Middlesea does not accept liability at the latest on Friday 18 February.»*

*30. Jirriżulta illi fit-3 ta' Marzu 2022, Sueka Dullay bagħtet email (fol 58) fejn irringrazzjat lil Dr Azzopardi talli qed jieħu l-passi l-Qorti, filwaqt illi saħqet illi "thankyou for reassuring me that the Courts are here to help me."*

*31. Jirriżulta illi fl-4 ta' Marzu 2022, Dr Azzopardi kiteb lil Sureka Dullay fejn għarrafha illi kien lesta l-atti li kellhom jiġu ppreżentati l-Qorti, li kopja tagħhom huwa għaddielha.*

*32. Jirriżulta illi fl-10 ta' Marzu 2022, ir-rikorrent nomine ppreżenta l-kawża odjerna fejn ir-rikorrenti nomine talab:*

> *a. Dikjarazzjoni illi s-soċjetà intimata kienet aċċettat ir-responsabbiltà fis-26 ta' April 2018 u għalhekk ma tistax tistrieħ fuq preskrizzjoni ta' sentejn peress illi l-perjodu preskrittiv huwa ta' ħames snin.*
>
> *b. Tillikwida d-danni kollha sofferti minn Sureka Dullay riżultat tal-inċident illi ġralha fl-20 ta' Ottubru 2014.*
>
> *c. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas tali danni.*

*33. Jirriżulta illi fil-mori tal-proċeduri, fuq talba tas-soċjetà intimata, ir-rikorrent ippreżenta prokura maħruġa a favur tiegħu minn Sureka Dullay, debitament maħlufa u kkonfermata quddiem il-Qorti ta' Aarhus, id-Danimarka, fis-6 ta' Lulju 2022. (fol 46 – 48)*

*34. Jirriżulta illi lill-Qorti ma ngħatatilha ebda dokumentazzjoni u korrispondenza oħra għajr dik hawn fuq indikata.*

*Ikkunsidrat*

*35. Jirriżulta illi din il-Qorti, qabel ma tidħol fil-meritu tal-kawża nnifisha, ġiet mitluba sabiex tiddeċiedi ż-żewġ difiżi preliminari mqajma mis-soċjetà intimata, ossia s-segwenti:*

> *a. Li l-każ kien preskritt bit-trapass ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *b. Li r-rikorrenti nomine ma kellux il-prokura sabiex jniedi l-proċeduri odjerni, u għalhekk tali proċeduri kienu nulli.*

***• Proċeduri huma nulli***

*36. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata qiegħda tikkontendi illi Dr Tonio Azzopardi, fil-mument illi ppreżenta l-proċeduri odjerni, ma kellux il-prokura sabiex jippreżenta l-proċeduri quddiem dina l-Qorti bħala Mandatarju stante illi l-prokura illi ngħatalu, u li kopja tagħha ġiet ippreżentata quddiem dina l-Qorti, ġiet iffirmata u maħruġa fis-6 ta' Lulju 2022 (fol 47), filwaqt illi l-kawża odjerna ġiet ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2022.*

*37. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrenti nomine jisħaq illi huwa dejjem kellu l-mandat da' parte ta' Sureka Dullay sabiex jaġixxi għan-nom tagħha, u għalhekk tali eċċezzjoni kellha tiġi miċħuda.*

*38. Il-Qorti tosserva illi, sa mill-bidu tal-korrispondenza illi kien hemm mas-soċjetà intimata, ossia 5 ta' Diċembru 2017 (fol 84), is-soċjetà intimata kienet ben a konoxxenza tal-fatt illi Dr Tonio Azzopardi kien qiegħed jaġixxi għan-nom tal-klijenta tiegħu Sureka Dullay.*

*39. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fl-email datata 26 ta' April 2018, esibita mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur a fol 7, u li tifforma l-bażi kollha tal-azzjoni odjerna, is-soċjetà intimata kienet, għal darba oħra, ben konxja tal-fatt illi Dr Tonio Azzopardi kien qiegħed jaġixxi għan-nom ta' Sureka Dullay. L-istess jingħad fl-email tal-istess soċjetà intimata datata 26 ta' Awissu 2019, a fol 8.*

*40. Il-Qorti tosserva, finalment, illi Dr Tonio Azzopardi ippreżenta korrispondenza permezz ta' email skambjati bejnu u bejn Sureka Dullay, fi Frar u Marzu tas-sena 2022, fejn jidher ċar illi huwa kien awtorizzat sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna.*

*41. Jirriżulta, għalhekk, illi jidher ċar li r-rikorrenti Dr Tonio Azzopardi kellu awtorizzazzjoni "verbali" sabiex ikun jista' jippreżenta l-proċeduri ordjerni għan-nom tagħha.*

*42. Jirriżulta illi, sussegwentement, fis-6 ta' Lulju 2022, tali awtorizzazzjoni ġiet uffiċjalizzata permezz ta' Prokura uffiċjali maħruġa ġewwa Aarhus, id-Danimarka.*

*43. Jirriżulta, għalhekk, illi huwa ċar illi Dr Tonio Azzopardi, kemm waqt l-iskambju ta' korrispondenza kif ukoll meta nieda l-proċeduri odjerni għan-nom ta' Sureka Dullay, kien debitament awtorizzat sabiex jagħmel dan.*

*44. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata ppreżentata permezz ta' eċċezzjoni addizzjonali fis-26 ta' Jannar 2023, ma għandhiex mis-sewwa, u qed tiġi miċħuda.*

• ***Talbiet preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 u 2154 tal-Kap 16***

*45. Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà intimata, fl-eċċezzjonijiet oriġinali tagħha, kienet insistiet illi ma kien seħħ ebda patt kuntrattwali, kif ikkontenda Dr Tonio Azzopardi nomine, u li t-talbiet rikorrenti kienu preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 u 2154 tal-Kap 16 kif abbinati wkoll mal-artikoli relevanti tal-Kapitolu 9, ossia l-Kodiċi Kriminali.*

*46. Jirriżulta illi r-rikorrenti nomine jikkontendi, mill-banda l-oħra, illi permezz ta' email datata 26 ta' April 2018 mibgħuta lilu minn Kenneth Camilleri, għan-nom tas-soċjetà intimata, kien hemm aċċettazzjoni ta' responsabbiltà u għalhekkk ġiet ikkreata relazzjoni kuntrattwali bejn is-soċjetà intimata u Sureka Dullay, tramite l-Avukat tagħha, Dr Tonio Azzopardi, liema relazzjoni kienet soġġetta għall-perjodu preskrittiv ta' ħames snin, u mhux ta' sentejn. Għalhekk, l-azzjoni ma kinitx preskritta.*

*Ikkunsidrat*

*47. Fil-każ odjern, huwa essenzjali illi jiġi ben stabbilit il-bażi tal-azzjoni odjerna – ir-rikorrent nomine jisħaq illi l-bażi tal-azzjoni hija l-ammissjoni li skattat relazzjoni kuntrattwali filwaqt illi s-soċjetà intimata tisħaq illi hija l-inċident illi hija l-bażi tal-azzjoni.*

*48. Ma għandu jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-inċident illi fih kienet involuta Sureka Dullay, u li riżultat tiegħu sofriet ġrieħi permanenti serji, seħħ fl-20 ta' Ottubru 2014.*

*49. Jirriżulta illi tali inċident, għalhekk, huwa l-bażi tal-pretensjoni illi Sureka Dullay, tramite Dr Tonio Azzopardi nomine, għandha kontra s-soċjetà intimata.*

*50. Jirriżulta ben stabbilit wkoll illi, kawżi għad-danni huma soġġetti għall-perjodu preskrittiv ta' sentejn, u di fatti 2153 u 2154 jipprovdu dan li ġej:*

> *«2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.*
>
> *2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*
>
> *(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta'*

*frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, jgħaddi kemm jgħaddi żmien.»*

*51. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi l-azzjoni għal ħlas ta' ħsarat huma dak illi ġew ikkaġunati b'reat, ossia l-inċident ikkawżat minn Jyrki Juhami Sinisalo.*

*52. Jirriżulta illi, skont l-Artikolu 328 (b) tal-Kodiċi Kriminali,*

*«Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati:*

*...*

*(b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).»*

*53. Jirriżulta, għalhekk, illi l-azzjoni għad-danni illi kellha Sureka Dullay fil-konfront tas-sewwieq tal-mutur kif ukoll l-assikurazzjoni tal-istess mutur, ossija is-soċjetà intimata, kellha ssir fi żmien sentejn.*

*54. Jirriżulta illi t-trapass ta' tali perjodu jista' jiġi miksur, kif tipprovdi l-Kodiċi Ċivili.*

*55. Jirriżulta, di fatti, illi a tenur tal-Artikolu 2128, il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.*

*56. Jirriżulta illi wara l-inċident tal-20 ta' Ottubru 2014, Sureka Dullay interpellat lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għall-ħlas tad-danni permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 24 ta' April 2015.*

*57. Jirriżulta illi sussegwentement, Sureka Dullay reġgħet interpellat lis-soċjetà intimata fit-18 ta' Ottubru 2017 – wara t-trapass ta' sentejn.*

*58. Jirriżulta, madanakollu, illi fil-5 ta' Diċembru 2017, is-soċjetà intimata, mingħajr ma aċċettat ebda responsabbiltà, talbet għall-kwantifikazzjoni tat-talba – din il-Qorti ma hijiex mgħarrfa jekk tali rikjesta ġietx onorata.*

*59. Jirriżulta, iżda, illi fit-18 ta' April 2018, ir-rikorrenti nomine bagħat Ittra Uffiċjali fejn interpella lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni.*

*60. Għandu jingħad illi tali interpellazzjoni saret wara illi l-perjodu preskritt*

*ta' sentejn kien ġa skada. Madanakollu, permezz ta' email datata 26 ta' April 2018, Kenneth Camilleri aċċetta responsabbiltà għan-nom tas-soċjetà intimata u talab illi jiġu kkwantifikati d-danni.*

*61. Hawnhekk, il-Qorti tosserva illi l-perjodu preskrittiv tat-talba għad-danni ta' Sureka Dullay reġa' beda jgħaddi mil-ġdid, u dana peress illi, a tenur tal-Artikolu 2133 tal-Kap 16, Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja. L-Artikolu 2136 tal-Kap 16 imbagħad jipprovdi dan li ġej:*

> *«(1) Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għal biex wieħed jippreskrivi.*
>
> *(2)* ***Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid****.»*

*62. Jirriżulta, għalhekk illi l-perjodu ta' sentejn kien jiskadi fis-26 ta' April tas-sena 2020.*

*63. Jirriżulta wkoll illi, f'dik il-perjodu, id-dinja kienet milquta bil-pandemija Covid 19, u l-perjodi preskrittivi kienu ġew sospiżi, għal xi żmien, minħabba fl-għeluq tal-Qrati u l-impossibbiltà illi partijiet joħorġu minn darhom.*

*64. Jirriżulta, iżda, illi sat-18 ta' Frar 2022, ma sar xejn, u kien biss fit-18 ta' Frar 2022, illi r-rikorrenti nomine interpella lis-soċjetà intimata, sabiex tiddikjara jekk hijiex "se żżomm ferma mal-obbligazzjoni minnha assunta fis-26 ta' April 2018 u ripetuta fis-26 ta' Awissu 2019." (fol 96)*

*Ikkunsidrat*

*65. Jirriżulta illi r-rikorrenti nomine, kemm fir-rikors promotur, kif ukoll fis-sottomissjonijiet eruditi tiegħu, jikkontendi illi s-soċjetà intimata aċċettat ir-responsabbiltà u għalhekk obbligat ruħha illi tonora r-rikjesta ta' Sureka Dullay, bir-riżultat illi dan kien jammonta għal obbligu kuntrattwali.*

*66. Dina l-Qorti, madanakollu, tqis illi ma tistax taqbel ma' tali sottomissjoni.*

*67. Il-Qorti tosserva, di fatti, illi l-email tas-26 ta' April 2018, ma tistax titqies bħala obbligazzjoni kuntrattwali bejn is-soċjetà intimata u l-klijenta tar-rikorrent nomine, iżda għandha titqies unikament bħala ksur tal-perjodu preskrittiv kif pprovdut fl-Artikolu 2133 hawn fuq ġa riprodott.*

*68. L-email fl-ebda mod ma tista' titqies bħala ftehim kuntrattwali ġdid bejn is-soċjetà intimata u Sureka Dullay, u di fatti, jirriżulta ċar illi ebda figuri ta' kumpens ma ġew msemmija u offerti, tant illi s-soċjetà intimata stiednet lir-rikorrenti nomine jgħaddi dokumentazzjoni in sostenn tat-talba ta' Sureka Dullay, liema dokumentazzjoni ma jidhirx illi qatt waslu, lanqas fis-26 ta' Awissu 2019, meta b'email oħra, is-soċjetà intimata reġgħet stiednet*

*lir-rikorrenti nomine jgħaddi "your client's detailed claim and supporting documentation." (fol 8)*

*69. Il-Qorti tirrileva illi l-email tas-26 ta' April 2018 kienet ta' konfort għal Sureka Dullay, peress illi minkejja li, teknikament, il-perjodu ta' sentejn kien ġa għadda, kif fuq ġa deskritt, is-soċjetà intimata kienet madanakollu disposta taċċetta responsabbiltà u tagħti kumpens, purché tingħata dokumentazzjoni dettaljata – jidher illi tali dokumentazzjoni ntbagħtet fil-11 ta' Diċembru 2021, u dana kif jistqarr Kenneth Camilleri fl-affidavit tiegħu (fol 66), meta l-perjodu ta' sentejn kien ilu li skada.*

*70. Ir-rikorrenti jikkontendi illi l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq obbligazzjoni kuntrattwali milħuqa mas-soċjetà intimata – madanakollu, tali obbligazzjoni kuntrattwali ma teżistix. Kienet teżisti talba għad-danni illi l-perjodu preskrittiv tagħha ġie miksur bl-email datata 26 ta' April 2018, u l-bażi tal-azzjoni odjerna hija prettament wahda ta' danni rizultanti minn inċident awtomobilistiku, u xejn aktar!*

*71. Għalhekk, il-Qorti tqis illi t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà intimata għandha mis-sewwa u timmerita illi tiġi milqugħa.»*

9. L-Avukat Tonio Azzopardi f'isem Sureka Dullay appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors imressaq fit-23 ta' Ottubru, 2024 u talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassarha sa fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili** u minflok tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tkompli tqis it-talbiet attriċi.

10. MAPFRE Middlesea Insurance plc wieġbet għal dan l-appell fid-19 ta' Novembru, 2024 u semmiet għaliex dan ma jistħoqqlux li jintlaqa'. Flimkien mat-tweġiba tagħha hija ressqet appell inċidentali fejn talbet li din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa minnha fit-tieni risposta maħlufa tagħha u minflok tiddikjara li meta l-Avukat Tonio Azzopardi ħalef u ppreżenta l-kawża huwa ma kellux mandat biex jagħmel hekk u allura r-rikors maħluf

għandu jitqies bħala null u bla effett.

11. L-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* wieġeb għal dan l-appell inċidentali fit-8 ta' Jannar, 2025 u qal għaliex dan għandu jiġi miċħud.

12. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Qabel kull ħaġa oħra, din il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ l-**<u>appell inċidentali</u>** ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. fejn hija qiegħda tisħaq li r-rikors maħluf ippreżentat mill-Avukat Tonio Azzopardi għandu jiġi dikjarat bħala wieħed null minħabba li hija ssostni li dakinhar huwa ma kellu l-ebda prokura biex jippreżenta tali kawża.

14. MAPFRE Middlesea p.l.c. targumenta li l-Ewwel Qorti m'għamlitx distinzjoni bejn mandat li jagħti klijent lill-avukat tiegħu sabiex iħares l-interessi tiegħu waqt kawża u mandat speċjali li persuna tagħti lill-avukat sabiex jieħu ġurament f'isimha u joqgħod minflokha bħala parti f'dik il-kawża. Tgħid li l-Avukat Azzopardi ma ressaq l-ebda evidenza li turi li

huwa kien awtorizzat jaħlef u jippreżenta l-kawża f'isem Sureka Dullay fl-10 ta' Marzu, 2022. Lanqas ma ressaq lil Sureka Dullay sabiex tikkonferma l-prokura li allegatament tagħtu.

15. Iżżid li kien biss wara li saret il-kawża, li l-Avukat Azzopardi ppreżenta l-prokura ta' Sureka Dullay, li ġġib id-data 6 ta' Lulju, 2022. Skontha iżda, din il-prokura ma tistax ssewwi dak li ma sarx qabel.

16. MAPFRE Middlesea p.l.c. titlob bil-ħrara għalhekk li dawn il-fatti m'għandhomx jiġu meqjusa b'mod superfiċjali u stiednet lil din il-Qorti sabiex ma taċċettax ċirkostanzi fejn wieħed jieħu ġurament f'isem ħaddieħor mingħajr evidenza tal-awtorizzazzjoni f'dak il-mument għaliex inkella jinħoloq preċedent ikrah li jiftaħ bieb beraħ għall-abbuż.

17. Din il-Qorti tqis li l-liġi tfisser il-mandat fl-**Artikolu 1856(1) tal-Kodiċi Ċivili** bħala kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha.

18. Skont l-**Artikolu 1865(1) tal-Kodiċi Ċivili** l-mandatarju jista' fl-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu jaġixxi ġudizzjarjament, fosthom dawk li għalihom hu meħtieġ li jsiru rikorsi jew dikjarazzjonijiet bil-ġurament; u jagħmel ukoll kull ħaġa oħra li l-mandant jista' jagħmel huwa nnifsu, minkejja li dawk is-setgħat ma jkunux ġew espressi fil-mandat (ara ***Rita***

***Charker v. Charles Brincat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 1952, ***Nicola Camilleri v. Saverio Marotta nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Marzu, 1916 u ***Michele Albanese et nomine v. Rev. Michele Albanese nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu, 1872). Ingħad fil-fatt mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza ***Michel Said et v. Giuseppe Tanti Bellotti nomine*** deċiża fl-10 ta' Ottubru, 1932, illi fit-twettiq tal-mandat mogħti lilu, il-mandatarju m'għandux bżonn ta' awtorizzazzjoni speċjali sabiex jirrappreżenta lill-mandant tiegħu bħala attur jew konvenut f'kawża.

19. Insibu iżda eċċezzjoni għal din ir-regola fl-**Artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili**, li jiddisponi li l-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, f'isem tal-mandant, anke jekk dan ikun tah dik is-setgħa, jekk kemm-il darba l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir (ara ***Karina Borg Olivier pro et noe v. Karim Cordina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021).

20. Fil-każ tal-lum m'hemmx tilwima bejn il-partijiet dwar il-fatt li Sureka Dullay kienet nieqsa mill-gżejjer Maltin meta l-Avukat Tonio Azzopardi ħalef u ppreżenta r-rikors maħluf f'isimha. Għalhekk l-**Artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili** ma jgħoddx għal dan il-każ. Mod ieħor, fejn mhumiex qegħdin jaqblu l-partijiet huwa dwar jekk l-Avukat Tonio Azzopardi setax jippreżenta r-rikors maħluf inkwistjoni bħala mandatarju ta' Sureka Dullay.

21. F'dan il-kuntest l-**Artikolu 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew ukoll taċitament.

22. Ma hemmx liġi speċjali li tgħid li l-mandat biex wieħed jiftaħ kawża f'isem ħaddieħor għandu bilfors ikun bil-miktub. Kemm hu hekk, ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Arthur Barbaro Sant et v. L-Avukat Dottor Edgar Depasquale et nomine*** deċiża fil-25 ta' Ġunju, 1999, li wieħed m'għandux bżonn li jkollu prokura pruvata b'dokument awtentikat biex jikkonvinċi lill-Qorti li hu rċieva l-mandat tal-prinċipal tiegħu biex jaġixxi f'ismu bħala attur jew konvenut f'kawża. Huwa biżżejjed li jintwera li din il-prokura ngħatat b'mod verbali.

23. Terġa' u tgħid, kif rajna aktar kmieni, l-**Artikolu 1865(1) tal-Kodiċi Ċivili** saħanistra jagħti l-jedd lill-mandatarju li jaġixxi ġudizzjarjament f'isem il-mandant tiegħu, anke jekk il-mandat ma jkunx isemmi jeddijiet bħal dawk, dment li l-ftuħ tal-kawża tkun meħtieġa sabiex il-mandatarju jkun jista' jwettaq il-mandat tiegħu (ara f'dan is-sens ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021).

24. Sabiex ikun hemm mandat taċitu bħal dan però jrid jintwera li l-

kumpless tal-fatti huma tali li juru li min ikun għamel xi ħaġa għal ħaddieħor seta' jippreżumi b'mod raġonevoli illi kien irċieva dak l-inkarigu mingħandu (ara ***Romeo Fleri v. Notary Francis Xavier Dingli*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju, 1963).

25. Fil-każ tagħna, l-Avukat Tonio Azzopardi xehed fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2023 (ara paġni 109 sa 110 tal-atti tal-kawża), li Sureka Dullay kienet tagħtu l-inkarigu biex jiftaħ din il-kawża. Biex isaħħaħ il-fatt li hija kienet taf bil-kawża li kien ħa jiftaħ għaliha, l-Avukat Azzopardi ppreżenta ittra elettronika tal-4 ta' Marzu, 2022 (ara paġna 111 tal-atti tal-kawża), li turi li ftit jiem qabel ma fetaħ din il-kawża fl-10 ta' Marzu, 2022, huwa kien bagħtilha traduzzjoni tad-dokumenti li kien beħsiebu jippreżenta l-qorti sabiex hija tgħaddi l-kummenti tagħha għalihom.

26. Tassew, din il-Qorti m'għandhiex raġuni fejjieda għaliex m'għandhiex temmen dak li xehed l-Avukat Tonio Azzopardi. Bħala avukat li ħa l-ġuramenti tal-lealtà u tal-kariga skont l-**Artikolu 80 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, dan igawdi mill-preżunzjoni li hu mhuwiex ħa joqgħod iħarref dwar l-inkarigu mogħti lilu minn Sureka Dullay.

27. Jinsab miżmum fil-ġurisprudenza tagħna, sa minn aktar minn mitt sena ilu, li l-avukat m'għandux bżonn jagħmel provi fis-sens li huwa rċieva

l-inkarigu mingħand il-klijent, għaliex l-istqarrija tiegħu hija biżżejjed bħala prova tal-inkarigu (ara ***Avv. Dr. Louis Vella et v. Direttur tal-Lottu Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001, ***Dr Enrico Zammit v. Dr. Filippo Preziosi et nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Marzu, 1903 u ***Dr Giuseppe Fenech v. Giuseppe Gabrielli*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 1901). Dan hu hekk għaliex ladarba l-avukat għandu kwalità semi-pubblika u jinsab mogħni mill-Istat b'funzjonijiet speċjali u ta' delikatezza kbira fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, mela allura huwa m'għandux għalfejn ma jiġix emmnut meta jiddikjara illi huwa kellu inkarigu mill-klijent u li għamel prestazzjoni determinata (ara ***Giovanni Mangion et v. Avukat Professur Giulio Cortis*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 1939).

28. Fuq kollox, anke jekk stess wieħed kellu ma joqgħodx mal-istqarrija tal-Avukat Tonio Azzopardi, din il-Qorti xorta waħda jidhrilha li mill-atti tal-kawża hemm biżżejjed provi li jikkonvinċuha li l-Avukat Tonio Azzopardi tabilħaqq seta' jaħlef u jressaq ir-rikors li bih inbdiet din il-kawża f'isem Sureka Dullay. Dan huwa rifless mill-provi li ġejjin: (i) mill-ittri elettroniċi tal-5 ta' Diċembru, 2017, tas-26 ta' April, 2018 u tas-26 ta' Awwissu, 2019 fejn Kenneth Camilleri bħala rappreżentant tal-kumpanija konvenuta kien qiegħed jikkomunika ma' ħadd iktar mill-Avukat Tonio Azzopardi dwar il-każ ta' Sureka Dullay (ara paġni 7, 8 u 84 tal-atti tal-kawża); (ii) mill-ittri

uffiċjali tat-18 ta' April, 2018 u tat-18 ta' Frar, 2022 fejn l-Avukat Tonio Azzopardi identifika ruħu bħala mandatarju ta' Sureka Dullay u ressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra l-kumpanija konvenuta dwar it-tilwima mertu ta' din il-kawża (ara paġni 94 sa 97 tal-atti tal-kawża); (iii) mill-kontroeżami ta' Kenneth Camilleri fejn stqarr li huwa qatt ma kellu dubju li l-Avukat Azzopardi kien qiegħed jitkellem għal Sureka Dullay (ara d-dahar ta' paġna 106 u paġna 107 tal-atti tal-kawża); (iv) mill-ittra elettronika tat-3 ta' Marzu, 2022 li Sureka Dullay bagħtet lill-Avukat Tonio Azzopardi sabiex troddlu ħajr tas-servizz li kien qed jagħtiha u talli kien ħa jgħinha biex tikseb ġustizzja mill-qrati (ara paġna 58 tal-atti tal-kawża); u (v) mill-ittra elettonika tal-4 ta' Marzu, 2022, li permezz tagħha l-Avukat Tonio Azzopardi bagħat abbozz lil Sureka Dullay tar-rikors maħluf li kien beħsiebu jressaq fil-qorti (ara paġna 111 tal-atti tal-kawża).

29. Huwa veru li Sureka Dullay ma xehditx dwar dan il-punt, bħalma huwa veru wkoll li l-prokura bil-miktub saret biss minnha fis-6 ta' Lulju, 2022 (ara paġni 46 sa 48 tal-atti tal-kawża), jiġifieri wara li nfetħet din il-kawża. B'danakollu din il-Qorti tinsab konvinta mill-provi fuq imsemmija, illi jmorru lura għal qabel ma nfetħet din il-kawża, li anke jekk stess l-Avukat Tonio Azzopardi ma kellux f'idejh prokura bil-mitkub biex jiftaħ u jaħlef din il-kawża, madankollu huwa xorta waħda seta' b'riħet l-**Artikolu 1865(1) tal-Kodiċi Ċivili** jressaq ir-rikors maħluf bħala mandatarju ta' Sureka Dullay sabiex iressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra l-kumpanija

konvenuta. Tassew, bi tweġiba għall-osservazzjoni magħmula minn MAPFRE Middlesea p.l.c. fl-appell inċidentali tagħha, ma kienx hemm bżonn li l-Avukat Tonio Azzopardi jiġi awtorizzat b'mod speċifiku minn Sureka Dullay biex jaħlef ir-rikors f'isimha għaliex skont l-**Artikolu 1865(1) tal-Kodiċi Ċivili** d-dikjarazzjoni bil-ġurament li hija meħtieġa biex tinbeda kawża hija impliċita fis-setgħat tal-mandatarju.

30. L-appell inċidentali ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. dwar in-nullità tar-rikors maħluf għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

31. Nimxu issa għall-**appell ewlieni** tal-Avukat Tonio Azzopardi *nomine*.

32. Fis-sustanza tiegħu l-aggravju tiegħu jinsab mibni fuq l-argument li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili** għaliex l-azzjoni tiegħu kontra MAPFRE Middlesea p.l.c. ma tressqitx fuq il-bażi ta' twettiq ta' reat jew ta' delitt iżda tressqet fuq bażi kuntrattwali għaliex skontu MAPFRE Middlesea p.l.c. aċċettat li tassumi responsabbiltà għad-danni li Sureka Dullay ġarrbet fl-20 ta' Ottubru, 2014 f'ittra elettronika tas-26 ta' April, 2018. Din l-ittra elettronika li tinsab f'paġna 7 tal-atti tal-kawża kienet tgħid hekk:

> *«**Motor Vehicle Accident on 20.10.2014 at Valletta – Vehicles: FBC314 & TAXI031M – Your Client: Sureka Dullay – Our Ref. C 21-063662***
>
> *Good morning Azzopardi,*

> *With reference to the above mentioned motor vehicle accident and further to the conclusions of the magisterial enquiry and the judgment of the criminal court we confirm that liability is being accepted and accordingly we kindly ask you to submit your client detailer and computer claim duly supported by the income tax returns for the years 2011, 2012, 2013 and 2014, medical disability reports and other relevant documentation which supports your client's claim.*
>
> *We await to hear from you.*
>
> *Regards – Kenneth*
>
> *Kenneth Camilleri.»*

33. L-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* jisħaq li MAPFRE Middlesea p.l.c. ma setgħetx tassumi responsabbiltà kriminali għaliex din seta' jerfagħha biss Jyrki Juhani Sinisalo i.e. is-sewwieq li ħoloq l-inċident. MAPFRE Middlesea p.l.c. iżda setgħet tassumi responsabbiltà ċivili, ħaġa li skontu għamlet fl-ittra elettronika tas-26 ta' April, 2018. Għalhekk l-Avukat Azzopardi *nomine* jargumenta li filwaqt li l-preskrizzjoni applikabbli fil-konfront ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. hija dik ta' sentejn skont il-liġi, mill-banda l-oħra fil-konfront ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. li aċċettat ir-responsabbiltà ċivili tal-inċident, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-ħames snin imsemmija fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

34. Biex isaħħaħ il-punt tiegħu l-Avukat Azzopardi *nomine* jirreferi wkoll għall-ġurisprudenza lokali fejn ingħad li fejn il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun aċċettat ir-responsabbiltà tal-assigurat għall-inċident u aċċettat li tħallas il-*claim* tat-terz midrub, jinħoloq rapport ġdid u l-pożizzjoni ġuridika tgħaddi mill-fażi tal-azzjoni *ex delicto* u tidħol fil-fażi

tat-twettiq kuntrattwali, li minnu tista' toħroġ l-azzjoni *ex conractu*. Minbarra dan, huwa jsemmi wkoll sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li b'referenza għad-**Direttiva 72/116/EEC** kienet qalet li kumpanija tal-assigurazzjoni m'għandhiex titħalla tinqeda b'dispożizzjonijiet legali jew bi klawsoli kuntrattwali biex toqgħod lura milli tħallas kumpens lil vittmi ta' inċidenti maħluqa b'vetturi li jkunu assigurati minnhom.

35. MAPFRE Middlesea p.l.c. tilqa' għal dan l-appell billi ssostni li bejn il-partijiet ma kienx hemm relazzjoni kuntrattwali jew kummerċjali, tant illi l-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* talab lill-Ewwel Qorti fir-rikors maħluf tiegħu sabiex jiġu likwidati d-danni kollha. Targumenta illi li kieku kien hemm obbligazzjoni kuntrattwali, huwa kien jitlob biex tiġi mwettqa dik l-obbligazzjoni u mhux jitlob biex hija tiġi kkundannata tħallas id-danni hekk likwidati. Tgħid f'dan is-sens li ladarba ma ġie stabbilit l-ebda ammont ta' indennizz, mela allura ma seta' jinħoloq l-ebda rabta kuntrattwali. MAPFRE Middlesea p.l.c. ittemm it-tweġiba tagħha billi tgħid li l-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fejn issemmiet id-**Direttiva 72/116/EEC**, m'għandu x'jaqsam xejn mal-każ tal-lum għaliex f'dan il-każ jekk kien hemm nuqqas dan ma kienx ġej minnha iżda kien ġej mill-Avukat appellant li ma ressaqx il-prestensjoni tal-klijenta tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi.

36. Din il-Qorti tibda billi tgħid li huwa naturali illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera (ara ***Raymond Grech v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024 u ***Falzon Service Station Limited et pro et noe v. Il-Koporazzjoni Enemalta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020).

37. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun ġie mqanqal ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi dwar jekk għaddiex it-terminu tal-preskrizzjoni jew dwar jekk kienx hemm ksur, sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni (ara ***Phyllis Farrugia v. Attard Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020). Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv invokat ma jkunx jgħodd għall-għamla ta' kawża li tkun, allura jkun ta' xejn li l-Qorti toqgħod tqis il-provi.

38. Fil-każ tagħna l-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* sejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-allegazzjoni li bejn il-klijenta tiegħu u l-kumpanija konvenuta

teżisti rabta kuntrattwali li nħolqot bl-ittra elettronika tas-26 ta' April, 2018.

39. Ladarba tajjeb jew ħażin l-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* għażel li jressaq il-kawża tiegħu fuq bażi kuntrattwali, din l-azzjoni tiegħu ma setgħetx tiġi maqtula fuq il-bażi ta' preskrizzjoni li m'għandhiex x'taqsam ma' azzjonijiet kuntrattwali.

40. Biex l-affarijiet ikunu ċari, din il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid hawnhekk li l-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* qiegħed jgħid sew li bejn il-klijenta tiegħu u l-kumpanija konvenuta hemm tabilħaqq rapport ta' sura kuntrattwali. Din hija kwistjoni li għalissa qiegħda titħalla impreġudikata għal meta jiġu deċiżi l-ewwel erba' talbiet tar-rikors maħluf. Mod ieħor, dak li qiegħda tgħid hawnhekk din il-Qorti huwa biss li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħid li l-azzjoni tal-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* tinsab preskritta skont l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili** (li jitkellem dwar l-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat), meta f'dan il-każ l-azzjoni tiegħu ma saritx fuq din il-premessa iżda saret fuq il-premessa li l-kumpanija konvenuta mhux tonora l-obbligazzjoni kuntrattwali li huwa qed jgħid li tnisslet bl-ittra elettronika tas-26 ta' April, 2018.

41. Bla ma tidħol fuq il-kwistjoni dwar jekk il-premessi u t-talbiet attriċi humiex mistħoqqa jew le, din il-Qorti tgħid li mill-mod ta' kif ġiet imfassla l-azzjoni attriċi, din ma tintlaqatx bil-preskrizzjoni tal-**Artikolu 2154 tal-**

**Kodiċi Ċivili**. L-Ewwel Qorti għalhekk ma setgħetx tiċħad it-talbiet attriċi għaliex għadda ż-żmien ta' preskrizzjoni msemmi fl-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili**, ġaladarba t-talbiet attriċi kontra l-kumpanija konvenuta ma nbnewx fuq allegata relazzjoni *ex delicto* iżda nbnew fuq allegata relazzjoni *ex contractu*. Minflok hija kellha tiċħad dik l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

42. Dan iwassal għalhekk biex jintlaqa' l-appell tal-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* għalkemm forsi mhux eżattament għar-raġunijiet mogħtija minnu.

43. L-atti għalhekk għandhom imorru lura għand l-Ewwel Qorti sabiex tissokta bil-każ. Bla ma tindaħal wisq, din il-Qorti tissuġġerixxi li jkun aktar xieraq li l-Ewwel Qorti tiddeċiedi l-ewwel erba' talbiet attriċi dwar jekk tassew hemmx relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, qabel ma tiddeċiedi l-eċċezzjoni l-oħra tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** li sa issa baqgħet mhux deċiża.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda fl-ewwel lok **<u>tiċħad</u>** l-appell inċidentali ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet

imressqa minnha fit-tieni risposta maħlufa tas-26 ta' Jannar, 2023; u fit-tieni lok, **<u>tilqa'</u>** l-appell ewlieni tal-Avukat Tonio Azzopardi *nomine* u b'hekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili** mqajma fl-ewwel risposta maħlufa tat-12 ta' Mejju, 2022 u minflok tiċħad dik l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

L-ispejjeż kollha marbuta mas-sentenza tal-Ewwel Qorti, mal-appell ewlieni u mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu minn MAPFRE Middlesea p.l.c.

Fl-aħħar nett, **<u>tordna</u>** li l-atti tal-kawża jintbagħtu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din tissokta bis-smigħ tal-każ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss